MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 310/2013

**Atlas Insurance Limited PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Sciberras, sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Paul Sciberras (ID170448M)**

**Vs**

**Giuseppe Gafa` (ID624343M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 27 ta’ Mejju, 2013 li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici qed teccepixxi:

Illi qeghda tintalab is-somma ta' elf erba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€1,428.90c) (Dok 'A' sa Dok 'E') jew somma verjuri, rapprezentanti d-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-incident ta' bejn is-26 u s-27 ta' Jannar, 2010, fil-bahar fil-limiti tal-Maghluq, Marsaxlokk (Dok 'F') meta l-luzzu bin-numru M.F.B. 1142 proprjeta' tal-intimat u operat mill-intimat, habat diversi drabi mas-sailing boat bin-numru SSR 100808 proprjeta' tar-rikorrenti Paul Sciberras u assikurata ma' Atlas Insurance PCC Limited, u kkaguna diversi hsarat fl-imsemmija sailing boat; u dan stante illi l-istess incident sehh unikament b'tort tal-intimat, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tieghu. Di piu', l-intimat ma kienx awtorizzat jorbot u jirmiggja mal-*pontoon* numru 16 li mieghu kien irmiggja. Dan l-ammont huwa dovut in kwantu ghas-somma ta' mija u tmienja u disghin ewro (€198) lir-rikorrenti Paul Sciberras rapprezentanti *excess payment* minnu mhallas in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' elf, mitejn u tletin ewro u disghin centezmi (€1,230.90c) lir-rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited rapprezentanti d-danni kollha rigwardanti dan l-incident li ghalihom ghamlet tajjeb a bazi ta' polza ta'assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u skont il-Ligi.

Din is-somma baqghet ma thallsitx minkejja li l-intimat gie nterpellat jaghmel dan, anke permezz ta' ittra ufficjali u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Flimkien ma' din is-somma l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez legali kollha, 'nkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Lulju, 2011 (Dok 'G')ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-intimat u l-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, u l-intimat qieghed jigi minn issa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 11 ta' Gunju, 2013 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-konvenut ikkawza d-danni msemmija.

2. Illi kif ghandu jirrizulta fit-Trattazzjoni tal-kaz il-fatti huma kompletament diversi minn dak allegat u in ogni kaz is-Socjeta' attrici ghagglet ferm minghajr ma tat cans lill-intimat jivverifika l-fatti sewwa qabel ma hallset.

3. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

L-attur Paul Sciberras xehed illi l-incident gara fis-sena 2010. Hu ghandu sailing boat SSr 100808. Xi kultant imur jiccekja d-dghajsa u din id-darba ra kajjik MFB 1142. Dan kien qed ihabbat mad-dghajsa tieghu u qed jaghmlilha l-hsara. Sar jaf li kienet il-proprjeta` ta` Gafa. Kien ikkuntatja lil Gafa` u dan ma ridtx jinzel ghaliex qal mhux naqra grif hemm li tnehhilu bil-polish. Insista li jigi u telghu fuq is-sailing boat tieghu fejn raw il-hsara kien hemm daqqiet bil-kulur ahmar u isfar. *Kien qali li ma kellux ghazla ghaliex kien barra u kien il-maltemp u kellu jidhol u jittraka hdejha minhabba l-maltemp.* Kien dahal fil-pontoon ta' hdejh. Ftakar illi dak inhar kien il-maltemp. L-ghada tal-maltemp kien mar hdejn id-dghajsa. Id-dghajsa ta' Gafa' ma kellhiex genders imma bicciet tal-plastic filwaqt li s-sailing boat kellha tlett fenders li nfaqqghu bid-daqqiet li qalghu. Hu qal li immur fejn id-dghajsa xi erba` darbiet fil-gimgha u joqghod Marsaxlokk.

Xehed il-PS447 Kevin Camilleri li pprezenta dok KC1 ir-rapport tal-Pulizija. Illi dak inhar kien mar il-PS1662 (li m'ghadhux fil-Korp tal-Pulizija) li kien responsabbli tal-Ghassa ta' Marsaxlokk. Il-kwerlant kien ghamel rapport li kienu sarulu hsarat fuq is-sailing boat ghaliex trakka mieghu Luzzu. Mis-stharrig dak inhar saru jafu li l-luzzu kien ta' wiehed Guzeppi Gafa`.

Ir-rapport 26/1 sa 27/1 ghidt illi tkellem ma` Gafa` li svela illi dak inhar kien diehel fil-maghluq fil-limiti ta` Marsaxlokk u minhabba l-maltemp li kien hemm kien irmigga fuq pontoon li kien vojt. Joseph Gafa` zied illi dak il-hin ghamel minn kollox biex jevita kull kollizjoni bejn zewgt dghajjes u sabiex ma jsirux l-ebda hsarat imma dak il-hin bil-maltemp qawwi li kien impossibili[1]

[1] Rapport a fol 37. Dan gie accettat bhala rapport awtentiku

Guzeppi Gafa` fl-affidavit tieghu ddikjara illi 24/1 li kien dahal il-luzzu fil-Maghluq ta` Marsaxlokk kienet gurnata bnazzi u kien hemm it-tifel tieghu u habib li ghenuh jirmiggja f'dan il-pontoon. Indunaw illi d-dghajsa ta' hdejhom kellha d-daqqiet fuqha. Il-luzzu dahlet pruwwa l-gewwa u kellha ukoll fenders marbutin maghha u sewwa. Wara l-maltempata tad-29 ta' Jannar sid il-luzzu qalli li ried johrog il-barra mill-maghluq u ghalhekk kien nehha l-habel u halla l-luzzu marbut normali mill-pruwa u il-poppa. Fit 30 ta' Jannar nehha l-luzzu u rabatha fuq l-irmieg tieghu. Kien imbaghad cempilu Paul Sciberras li qalu li kien ghamilu l-hsara pero` hu kkontesta li dan setgha gara ghaliex id-dghajsa ta' Sciberras kien ferm akbar minn tieghu. Il-luzzu kienet tal-injam u ghalhekk ma kellhiex il-hsara. Wara li saritlu rapport kien mar l-Ghassa fejn ikkontesta li qatt setgha ghamel dan il-hsara. Qatt ma mar Pulizija *on site* biex jivverifika dan.

Xehed it-tifel ta' **Charles Gafa** li ddikjara li bhala prassi meta tigi xi maltempata dahlu d-dghajsa fil-kenn. Kien il 24 /1 ndunaw illi d-dghajsa fil-pontoon ta' hdejhom fejn kienet diehla l-luzzu kellha daqqiet sofor u r-railing mghawga. Hu flimkien ma' siehbu Frank Scerri kienu ghandu lill-missieru ssorgi l-luzzu peress illi dan ma kien tal-injam u ma tistax thallieh ihabbat mal-hajt u hallew lill-missieru kompli jorbot il-luzzu bhas-soltu. Kellha ukoll fenders. Il-gurnata kienet bnazzi u baqa' bnazzi sas-27 ta' Jannar. Qal li d-differenza bejn id-dghajjes hi li wiehed kien ta' 30 pied u l-iehor ta' 20 pied. Filwaqt illi wiehed kien irmiggjat mill-poppa u l-iehor mill-pruwa u ghalhekk ma setgha qatt jkun responsabbli tal-hsara. [2] Wiehed huwa ferm oghla mill-iehor. Ikkonferma li kien mar ma' missieru ghand l-insurance Atlas. Frankie Scerri kkonferma in ezami li ghen il-konvenut biex jirmiggja u li dak inhar hu ukoll kien ra d-daqqa fuq is-sailing boat ta' magenbhom.

Illi ma hiex l-ewwel darba li t-Tribunal ghandu quddiemu kunflitt tal-provi anke bejn xhieda taht gurament. Hu f'dan il-kaz it-Tribunal ghandu jara u jizen il-fatti kif ipprezentati lilu u jara liema huma l-aktar kreddibli. Fil-kawza **Farrugia vs Farrugia**[3] intqal li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment*

---

[2] Ma gewx prezentati in atti ritratti
[3] (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) Ara ukoll **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 ta' Ottubru, 2003)

*dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Huwa minnu illi kien hemm tlett xhieda t-tifel, missier u anke habib li ddikjaraw li raw daqqa fuq il-yacht meta kienu qed jirmiggjaw il-luzzu. Il-missier u l-iben ikkontestaw illi dan seta' sar mill-luzzu ghaliex il-luzzu huwa hafna izghar u anke l-kulur li bih intaqghat is-sailing boat huwa fuq in-naha tal-pruwa u ferm isfel. Sfortunatament pero` ma pprezentawx ritratti tad-dghajsa u lanqas tal-luzzu biex it-Tribunal seta' jikkonstanta. It-Tribunal jinnota ukoll illi a *tempo vergine* meta l-incident sehh il-konvenut Gafa` kien qal  lill-Pulizija ghaliex hekk hemm imnizzel.

*Il-Pulizija tkellem mas-Sur Gafa` rigward l-allegazzjonijiet li zvela li dak inhar kien diehel f'Marsaxlokk, Limiti tal-Maghluq u minhabba maltempata qawwija li kien hemm irmeggja f'puntun li kien hemm vojt dak il-hin. Joseph Gafa` zied illi dak il-hin ghamel minn kollox biex jevita kull kollizjoni bejn zewgt dghajjes u sabiex ma jsirux l-ebda hsarat imma dak il-hin bil-maltemp qawwi li kien impossibbli*[4]

Sciberras fix-xhieda tieghi qatt ma semma li Gafa` kkontesta li l-hsara ghamlu hu anzi *Nghid illi hu ma setghax jigi dak il-hin. Jien bdejt ninsistilu biex jinzel ghax dan kien qed ihabbat mas-sailing boat tieghi u mbaghad nizel. Fil-fatt kien qalli fuq it-telefon "U le mhux xi grif hemm u li tnehijja b'naqra polish". Imbaghad meta nizel tellajtu fuq is-sailing boat tieghi u wrejut li mhux naqra grif kien hemm imma kien hemm zebgha safra u hamra – tieghu u li kien hemm  hsara mhux hazin… kien qalli li ma kellux ghazla ghaliex kien barra u kien il-maltemp u kellu jidhol u jittraka hdejja minhabba l-maltemp.*

Illi jekk l-affarijiet kienu kif qalilhom il-konvenut fl-affidavit tieghu tat-13ta' Jannar, 2015  kien almenu isemmi xi haga lill-Pulizija u / jew jikkontesta f'xi hin qabel il-kawza

[4] Rapport a fol 37. Dan gie accettat bhala rapport awtentiku

Huwa principju ben konoxxut illi l-prova tal-htija tal-parti konvenuta f'Kawza Civili hija differenti ghal kollox minn Kawza Kriminal u ghandu tkun fuq bilanc ta' probabilitajiet. It-Tribunal ghandu jikkunsidra wkoll jekk id-danni reklamati kienux rizultat dirett tal-agir tal-parti konvenuta. Ghalhekk irid jigi pruvat ness kazwali bejn l-agir tal-parti konvenuta u d-danni kawzati, u dan skont il-principju li kull persuna trid thallas ghall-ghemil taghha. Illi d-danni gew prezentati a sodisfazzjon tat-Tribunal. [5]

Ghalhekk fic-cirkostanzi u anke a bazi tal-fatti kif zviluppaw it-Tribunal ihoss li ghandu jemmen l-attur. Ghalhekk it-talba attrici hija sufficjentement ippruvata.

**Decide:-**

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa din it-talba kif dedotta fl-Avviz tat-Talba.

Bl-Ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Ara dok 5 et seq